MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 47/2015

**Fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 697/14 fl-ismijiet:**

**Charles Bianco f'ismu proprju u ghan-nom ta' Western Co. Ltd.**

**Vs**

**Enzo Querella**

**Illum 29 ta' Lulju 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) fil-31 ta' Dicembru 2014 permezz ta' liema titlob li: (i) jigi ordnat it-twaqqif ta' l-elevazzjoni mill-pussess taghha tal-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK; (ii) tordna r-reintegrazzjoni fil-pussess taghha tal-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR li giet elevata mill-pussess taghha u tpoggiet taht il-kustodja tal-kunsinnatarju nominat; u (iii) tordna lil Charles Bianco f'ismu proprio u ghan-nom ta' Western Co. Ltd. sabiex jiddezisti milli jissokta li jezegwixxi l-kreditu minnu pretiz fuq il-vetturi imsemmija, salv dak minnha espost fil-paragrafu numru 9 tar-Rikors promotur, bl-ispejjez kontra Charles Bianco f'ismu proprio u ghan-nom ta' Western Co. Ltd.;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Charles Bianco f'ismu proprio u ghan-nom ta' Western Co. Ltd. permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u jitlob li l-istess jigu michuda in kwantu ghal kollox legalment infondati;

Semghet ix-xhieda ta' Charles Bianco moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2015[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CB1" u Dok. "CB2" a fol. 14 u 15 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2015[2];

Semghet is-sottomissjonijiet orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat tal-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti processwali u senjatament mill-atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 697/14 fl-ismijiet "Charles Bianco pro et noe v. Enzo Querella" jirrizulta li l-Intimat pro et noe, a bazi ta' pretensjoni fil-konfront ta' certu Enzo Querella minnu dedotta b'ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentata fl-24 ta' Ottubru 2013, ottjena l-hrug ta' l-imsemmi Mandat Kawtelatorju fil-konfront ta' l-allegat debitur tieghu.

B'Rikors ipprezentat fis-26 ta' Marzu 2014, kontestwalment mir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju, l-Intimat pro et noe talab u b'Digriet moghti fis-27 ta' Marzu 2014 ottjena n-nomina ta' kunsinnatarju ghall-fini ta' l-elevazzjoni ta' l-oggetti maqbuda bis-sahha ta' l-imsemmi Mandat. Mir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju jirrizulta li ghall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' l-istess Mandat l-Intimat pro et noe kien indika lil Transport Malta u l-vettura ta' l-ghamla Audi A3 – Station Wagon ta' lewn iswed bin-Numru ta' Registrazzjoni MLJ-22. Bhala fatt il-Mandat gie esegwit fuq l-imsemmija vettura kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal datata l-1 ta' April 2014.

Nonostante tali esekuzzjoni però b'Rikors ipprezentat fl-1 ta' Dicembru 2014, l-Intimat pro et noe talab li l-imsemmi Mandat jigi esegwit fuq u jkun hemm il-konsegwenti elevazzjoni tal-vettura ta' l-ghamla Mercedes A 140 Classic SE SWB Auto ta' lewn ahdar bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR li kienet tinsab ghand Transport Malta stante li l-vettura fuq liema kien gie esegwit l-istess Mandat fiha ammont ta' hsarat kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal. B'Rikors iehor ipprezentat fl-1 ta' Dicembru 2014, l-Intimat pro et noe a bazi ta' l-istess raguni ressaq talba ghall-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u konsegwenti elevazzjoni tal-vettura ta' l-ghamla BMW ta' lewn blue bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK li wkoll tinsab ghand Transport Malta. Iz-zewg Rikorsi gew milqugha b'Digrieti moghtija fis-17 ta' Dicembru 2014.

[1] Fol. 20 sa' 22 tal-process.
[2] Fol. 25 sa' 27 tal-process;

Mir-riferti tal-Marixxal inkarigat mill-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju in kwistjoni jirrizulta li l-istess Mandat gie esegwit fuq il-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR, liema vettura bhala fatt giet elevata mill-pussess ta' l-Awtorità Rikorrenti u mqieghda taht il-kustodja tal-kunsinnatarju nominat mill-Qorti, filwaqt illi l-esekuzzjoni u konsegwenti elevazzjoni ma sehhitx fir-rigward tal-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK stante li l-istess gew opposti minn ufficjal ta' l-Awtorità Rikorrenti a bazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13.

In segwitu ghat-tentattiv ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju mahrug mill-Intimat pro et noe fil-konfront ta' Enzo Querella fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta pprezentat ir-Rikors in ezami permezz ta' liema titlob: (i) it-twaqqif ta' l-elevazzjoni mill-pussess taghha tal-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK; (ii) ir-reintegrazzjoni fil-pussess taghha tal-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR li giet elevata mill-pussess taghha u tpoggiet taht il-kustodja tal-kunsinnatarju nominat; u (iii) li l-Intimat pro et noe jigi ordnat jiddezisti milli jissokta li jezegwixxi l-kreditu minnu pretiz fuq il-vetturi imsemmija, salv dak minnha espost fil-paragrafu numru 9 tar-Rikors promotur.

L-Awtorità Rikorrenti tibbaza t-talbiet taghha fuq dak provdut fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 Regolamenti dwar l-Iklampjar u Tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru, senjatament fuq dak provdut fir-Regolament 3(3) ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja li jipprovdi li *l-Kummissarju jew l-Awtorità jistghu wkoll iqieghdu klampi, jiehdu pussess, inehhu u jahznu vetturi bil-mutur li jkunu fit-triq bi ksur ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u kull regolament li jsir tahtu*. Hija tikkontendi li *kellha fil-pussess taghha dawn iz-zewg vetturi bis-sahha ta' ligi ta' ordni pubbliku u ghalhekk ir-rikorrent ezekutant ma kellux id-dritt li jnehhi l-vettura ta' l-ghamla "Mercedes" mill-pussess ta' l-Awtorità esponenti biex tpoggiet fil-pussess ta' konsennatarju sakemm eventwalment isir il-bejgh bis-subbasta ta' tali vettura. Illi kien ghalhekk illi ... l-Awtorità esponenti opponiet it-tehid u tqeghid fil-pussess tal-konsennatarju tal-vettura l-ohra ta' l-ghamla "BMW" ghaliex bis-sahha ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjara l-Awtorità esponenti ghandha d-dritt li tiddisponi hi minn dawn il-vetturi u dan sabiex mir-rikavat tal-bejgh ta' dawn il-vetturi jithallas dak kollu li huwa dovut lill-Awtorità inkluz taxxa ta' registrazzjoni u fees dovuti a tenur ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja 65.13. Illi dan kollu huwa regolat bil-provvedienti tar-Regolament 8 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja 65.13*[3].

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità Rikorrenti[4], jirrizulta li l-Awtorità hadet pussess

[3] Para. 6 sa' 8 tar-Rikors promotur.
[4] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2015, fol. 25 sa' 27 tal-process.

tal-vetturi in kwistjoni, ossia l-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR u l-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK, bis-sahha ta' zewg Impound Notices[5] li nhargu fit-30 ta' Settembru 2013 (ghall-Mercedes) u fis-7 ta' Lulju 2013 (ghall-BMW) peress illi l-imsemmija vetturi kienu ghadhom bin-Numri ta' Registrazzjoni esteri fi zmien meta ai termini tal-Ligi kellhom ikunu debitament registrati hawn Malta ai termini tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mir-Regolamenti dwar l-Iklampjar u Tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru, Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 **u** mir-Regolamenti dwar Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, senjatament mir-Regolament 6(12) ta' din ta' l-ahhar, effettivament jirrizulta li l-Awtorità Rikorrenti ghandha s-setgha li fejn ikollha suspett ragonevoli li vettura bil-mutur tkun fit-triq minghajr ma tkun debitament registratata, *inter alia* tiehu pussess, tnehhi u tahzen l-imsemmija vettura. L-istess Awtorità ghandha l-jedd li ma tirritornax il-vettura in kwistjoni lis-sid registrat jew lil persuna li kellha l-pussess taghha sakemm jew dik il-persuna ma tinstabx mhux hatja tan-nuqqas ravvizat f'kaz li jinbdew proceduri kriminali fil-konfront taghha jew sakemm tirregolarizza l-posizzjoni ma' l-Awtorità billi thallas it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta u d-drittijiet li jistghu jirrizultaw bhala dovuti ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13, oltre dritt amministrattiv ta' €35 impost bir-Regolament 6(12) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta li l-Awtorità Rikorrenti mhux biss ghandha s-setgha li tiehu pussess, tnehhi u tahzen vettura li dwarha jkollha suspett ragonevoli li ma tkunx debitament registrata ai termini tal-Ligi izda ghandha wkoll *ius retentionis* fuq dik l-istess vettura sakemm sid il-vettura jew il-persuna li kellha l-pussess taghha ma jiregolarizzax il-posizzjoni billi jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni opportuna u d-drittijiet ammistrattivi rizultanti mill-Ligi.

Dwar id-dritt ta' ritenzjoni l-gurisprudenza nostrali tipprovdi illi dan *gie imfisser bhala 'la facoltà attribuita al detentore di una cosa contro tutti, di ritenerla fino a quando gli sia stato completamente pagato il dovuto'. Illi l-ligi taghna taghti taghrif limitat f'dan ir-rigward: madanakollu torbot il-jedd taz-zamma tal-haga ma' l-ezistenza ta' jedd moghti mill-Ligi. Fi kliem iehor, mhux kull min jemmen li ghandu jedd jitnissel favurih il-ius retentionis: <u>tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mil-Ligi</u>[6]. Dan ghaliex id-dritt ta' zamma huwa meqjus bhala 'una forma di autotutela e di legittima difesa ... consentito soltanto nei case espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perchè ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da se'. Illi, madanakollu, ghalkemm il-ius retentionis huwa meqjus bhala istitut ta' ghamla eccezzjonali li jorbot biss*

[5] Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 u 5 tal-process.
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*fejn il-ligi espressament tistabilih, mhux kulhadd jilqa' l-fehma li d-dritt taz-zamma ma jistax japplika ghal kazijiet ohrajn li jhaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bhal dawk espressament imsemmija mil-Ligi. Dan japplika wkoll fejn ikun hemm rabta bejn il-haga mizmuma u l-kreditu tal-persuna li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga. Jidher li l-fehma hija li fil-Ligi taghna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni m'huwiex minnu nnifsu jedd ta' privilegg jew kawza ta' prelazzjoni, l-istess kawzi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-sahha ta' tali jedd fejn japplika. Jidher ghalhekk li, fejn il-ius retentionis japplika, dan jista' jigi oppost kontra terzi persuni li jkollhom interess fil-haga mizmuma u mhux biss kontra d-debitur li minghandu l-haga ghaddiet ghand il-kreditur*[7].

Fid-dawl tal-principji guridici appena citati u fid-dawl ta' dritt ta' ritenzjoni li l-Awtorità Rikorrenti evidentement qed tinghata mill-Ligi – senjatament mill-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 u mill-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 – jirrizulta li hija ghal kollox gustifikata f'li titlob ir-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju meritu ta' dawn il-proceduri fuq il-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR u l-konsegwenti reintegrazzjoni fil-pussess taghha ta' l-imsemmija vettura. B'hekk fil-fehma tal-Qorti t-tieni talba ta' l-Awtorità Rikorrenti jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba ta' l-Awtorità Rikorrenti u cioè t-talba ghat-twaqqif ta' l-elevazzjoni mill-pussess taghha tal-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK, il-Qorti hi tal-fehma li ghalkem dak kollu appena osservat dwar il-*ius retentionis* – dritt li jigi ribadit l-Awtorità Rikorrenti evidentement ghandha ai termini tal-Ligi anke fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK – japplika fir-rigward ta' din il-vettura wkoll, Hija ma tistax però tinjora dak provdut fl-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat, hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni*[8], applikabbli ghall-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju ai termini ta' l-Artikolu 846(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' tali provvediment tal-Ligi l-Qorti ghalhekk necessarjament ikollha tqis l-ewwel talba ta' l-Awtorità Rikorrenti bhala guridikament u proceduralment improponibbli u konsegwentement mhux accettabbli.

Madanakollu però il-Qorti hi tal-fehma li ghal dak li jirrigwarda l-imsemmija vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK, qabel ma l-Intimat pro et noe jiddeciedi li jipprocedi bl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju in kwistjoni fuq l-imsemmija vettura jkun ghaqli li huwa jirregola ruhu fid-dawl ta' dak Minnha osservat f'dan id-Digriet biex jevita proceduri giudizzjarji u spejjez ulterjuri inutili.

[7] Emanuel Cuschieri et v. Michael Mifsud et, Citaz. Nru. 1006/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Dicembru 2004. Sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Sottolinear tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi: (i) tichad l-ewwel talba ta' l-Awtorità Rikorrenti in kwantu guridikament u proceduralment improponibbl peress li ai termini ta' l-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghall-Mandati ta' Qbid Kawtelatorji bis-sahha ta' l-Artikolu 846(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat, hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni; (ii) tilqa' t-tieni talba ta' l-Awtorità Rikorrenti u filwaqt li tirrevoka l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 697/14 fl-ismijiet "Charles Bianco pro et noe v. Enzo Querella" fuq il-vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-Numru ta' Registrazzjoni KW53YLR, tordna li l-imsemmija vettura tigi ritornata fil-pussess ta' l-Awtorità Rikorrenti; u (iii) tidderiegi lill-Intimat pro et noe sabiex qabel ma jittanta jghaddi ghall-esekuzzjoni ta' l-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 697/14 fl-ismijiet "Charles Bianco pro et noe v. Enzo Querella" fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni RV51YXK, jirregola ruhu fid-dawl ta' dak osservat f'dan id-Digriet dwar il-*ius retentionis* koncess lill-Awtorità Rikorrenti fuq il-vetturi meritu ta' dawn il-proceduri bis-sahha tar-Regolamenti dwar l-Iklampjar u Tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru, Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 u tar-Regolamenti dwar Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, biex jevita proceduri giudizzjarji u spejjez ulterjuri inutili.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------